**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Settembru 2023**

**Rikors Nru. 1190/2019 GM**

**Victoria Abela (Kl 686757M)**
**Alexandra Portelli (Kl 49767M)**
**Thomas Gravina (Kl 62255M)**

**vs**

**1. Anthony Gravina**
**2. Maria Stella Fiorini**
**3. Moses Gravina, u b' digriet tad-9 ta' Frar 2023 l-atti tal-kawża f'isem Moses Gravina ġew trasfużi f'isem Doreen Camilleri Gravina, stante l-mewt tieghu**
**4. Peter Gravina**
**5. Aronne Gravina**
**6. Helen Mills**
**7. Anthony Gravina maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi msiefra Rose Cuschieri skont nota ta' aċċettazzjoni datata 23 ta' Jannar 2020.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Victoria Abela, Alexandra Portelli u Thomas Gravina li permezz tieghu wara li ppremettew illi :

1. Il-kontendenti huma aħwa, ulied Joseph Gravina u Carmela Gravina li mietu Joseph fid-9 ta' Marzu 1997 u Carmela fil-25 ta' Marzu 2018;

2. Missier il-kontendenti, Joseph Gravina, miet intestat kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji annessi u mmarkati Dok A u Dok B;

3. Id-dikjarazzjoni causa mortis tal-mejjet Joseph Gravina ġiet ippubblikata min-Nutar Mario Bugeja tas-26 ta' Awwissu 1997 (kopja annessa u mmarkata Dok C);

4. Omm il-kontendenti, Carmela Gravina, mietet testata u skont ir-riċerki testamentarji annessi u mmarkati Dok D u Dok E, il-wirt tagħha huwa regolat b'testment tal-1 ta' Frar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro u b'testment ieħor tad-19 ta' Lulju 2013 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro, kopji annessi u mmarkati bħala Dok F u Dok G rispettivament li permezz tagħhom, meta moqrija flimkien, id-decuius ħalliet inkwantu lit-tliet esponenti s-sehem riżervat biss u mill-bqija ħatret bħala eredi universali tagħha lill-konvenuti f'ishma ndaqs bejniethom;

5. Għaldaqstant, l-esponenti huma ko-eredi fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviż fil-wirt ta' missierhom Joseph Gravina, filwaqt li huwa dovut lilhom is-sehem riżervat mill-wirt ta' ommhom Carmela Gravina;

6. Jirriżulta li l-mejta Carmela Gravina, f'ħajjitha, tat ukoll lill-konvenuti diversi ammonti ta' flus b'titolu gratuwitu li għandhom jidħlu fil-komputazzjoni tal-assi għall-fini tal-kalkolu tas-sehem riżervat;

7. Jirriżulta wkoll li l-konvenuti, qua komproprjetarji fil-wirt ta' missier il-kontendenti, qegħdin jipprekludu lill-esponenti milli jinqdew in komun mill-ħwejjeġ tal-wirt u għalhekk għandhom jirrispondu għal kwalunkwe qligħ jew frottijiet li l-esponenti ġew imċaħħda minnhom;

8. L-esponenti għandhom interess li jiġi diviż il-wirt ta' missierhom u li jitħallsu s-sehem riżervat mill-wirt ta' ommhom u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn Joseph Gravina u Carmela Gravina u filwaqt li taqsam l-istess assi tal-komunjoni f'żewġ porzjonijiet ugwali tassenja waħda lill-assi partikolari ta' Joseph Gravina u l-oħra lill-assi partikolari ta' Carmela Gravina.

2. Tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Gravina u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Carmela Gravina u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

4. Taqsam l-assi partikolari ereditarji hekk likwidati ta' Joseph Gravina bejn il-kontendenti f'għaxar (10) ishma u allura f'ishma ta' 1/10 indiviż kull wieħed prevja d-debita imputazzjoni u kollazzjoni mill-konvenuti ta' dak kollu li tiegħu huma debituri filwaqt li tordna li l-esponenti jitħallsu sehemhom mill-qligħ jew frottijiet iġġenerat minn dan il-wirt mingħand il-konvenuti jew min minnhom żamm l-imsemmi qligħ jew frottijiet;

5. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex kommodament diviżibbli fil-wirt ta' Joseph Gravina.

6. Tinnomina jekk ikun hemm bżonn perit tekniku għal finijiet ta' likwidazzjoni u valutazzjoni tal-beni tal-wirtijiet.

7. Tillikwida s-sehem riżervat dovut lill-esponenti mill-eredita' ta' ommhom Carmela Gravina, u dan okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi u prevja l-inklużjoni fl-assi ta' dak kollu li t-testatriċi ddisponiet minnu b'titolu gratuwit u l-imputazzjoni skont il-liġi u prevja dikjarazzjoni li hu dovut li jitħallas dan is-sehem riservat lir-rikorrenti;

8. Tordna lill-konvenuti jħallsu lill-esponenti s-sehem riżervat hekk likwidat u dovut lilhom;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Anthony Gravina et. li permezz tagħha eċċepew illi :-

1. Qabel xejn l-eċċipjenti jaqblu mal-ewwel ħames paragrafi tar-rikors ġuramentat.

2. Madanakollu l-eċċipjenti ma jaqblux mal-paragrafu numru sitta tar-rikors ġuramentat stante illi huma proprju r-rikorrenti li rċevew flus u oġġetti oħra mingħand id-defunta ommhom.

3. In oltre', l-esponenti anqas ma jaqblu ma' l-allegazzjoni kontenuta l-paragrafu numru sebgħa tar-rikors ġuramentat, stante illi huma proprju r-rikorrenti li qed jagħmlu minn kollox sabiex ixekklu lill-eċċipjenti mit-tgawdija tal-proprjeta' inkwistjoni u dana kif ser jkun pruvat fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawża.

4. Madanakollu l-esponenti ma għandhomx oppożizzjoni li ssir il-qasma tal-assi ereditarji tad-defunt missierhom Joseph Gravina u anqas għandhom oġġezzjoni li x-xewqat tad-defunta ommhom Carmela Gravina kontenuti t-testmenti tagħha jkunu sodisfatti.

Rat li minħabba l-mewt tal-konvenut Moses Gravina, permezz ta' digriet tad-9 ta' Frar 2023, l-atti f'ismu ġew trasfużi f'isem uliedu Doreen Camilleri Gravina u Antonella Gravina.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Din hija kawża dwar il-qsim tal-wirt ta' missier il-kontendenti, u dwar il-ħlas tas-sehem riżervat dovut lill-atturi mill-wirt ta' ommhom.

Il-kontendenti huma aħwa, ulied Joseph Gravina u Carmela Gravina li mietu Joseph fid-9 ta' Marzu 1997 u Carmela fil-25 ta' Marzu 2018.

Joseph Gravina miet intestat.

Carmela Gravina, mietet testata. Il-wirt tagħha huwa regolat b'testment tal-1 ta' Frar 2013 u b'testment ieħor tad-19 ta' Lulju 2013 it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro. Permezz tagħhom, moqrija flimkien,

ħalliet lill-atturi s-sehem riżervat biss u mill-bqija ħatret bħala eredi universali tagħha lill-konvenuti f'ishma ndaqs bejniethom.

**Konsistenza tal-assi**

***- Komunjoni tal-akkwisti***

Immobbli

(a) 2, Sqaq Indri Dimech, Għaxaq stmat €220,000.[1]

(b) 11 u 12, Triq il-Knisja, Għaxaq stmat €210,000.[2]

Mobbli

(i) Lambretta *vintage* li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni Q213A. Dwar din xehdet Karen Cremona għal Transport Malta fit-28 ta' Settembru 2020 li qalet li kienet ħarġet *legal notice* biex din titqies li ma għadhiex fit-triq. Madankollu, il-kontendenti jaqblu li din għadha teżisti u tinsab fil-fatt fil-pussess tal-konvenut Anthony Gravina, li żarmaha. Sal-mewt tal-missier din kienet Lambretta li tintuża'. Skonthom, Anthony Gravina żarmaha u għalhekk baxxielha l-valur. L-atturi jsostnu li l-lambretta hija vintage u ġabu stejjem mill-internet li tiswa' bejn €3,600 u €6500. Anthony Gravina min-naħa tiegħu ipproduċa ċertifikat mingħand *surveyor* (Antwann Mugliett) - mhux maħluf - li tiswa €500. Ebda espert ma ġie prodott mill-atturi biex jistabbilixxi l-valur tal-lambretta qabel ġiet żarmata. Il-valuri mniżżlin mill-internet ma jistgħux jikkostitwixxu prova. Kif lanqas tikkostitwixxi prova stima mhux maħlufa. Għall-prattiċita` l-Qorti qiegħdha tagħtiha *arbitrio boni viri* valur ta' **€1,000**.

[1] Stima Dok VAX2 a fol. 143 u 144.
[2] Stima esebita bħala Dok VAX3 a fol. 145 u 146.

(ii) Anthony Gravina ssellef xi flus mingħand missieru biex xtara proprjeta`. Skont l-atturi, ingħata madwar €6,000. B'danakollu, jirriżulta li l-missier kien iżomm notament ta' x'ta lil ibnu u xi tħallas lura. Mid-dokument esebit minn Anthony Gravina stess[3] li huwa paġna waħda minn pitazz li kien iżomm il-mejjet Joseph Gravina iżda li ttieħed biex żammu, konvenjentement, fil-pussess tiegħu Anthony Gravina jirriżulta li l-missier kien ħalla notament li kien ħareġ Lm1,500, Lm294.25c fl-1981 u Lm400 fl-1987 għal ibnu Anthony. L-istess dokument esebit mingħand Anthony Gravina juri li huwa ħallas lura biss Lm1000 u li Anthony kien baqagħlu **Lm1194.25c** xi jħallas. Il-Qorti mhix sejra tistrieħ fuq l-ispekulazzjonijiet li għamlu l-atturi, imma tistrieħ fuq dan id-dokument.

(iii) L-atturi xehdu fl-affidavit tagħhom dwar Lm20,000 li l-missier kien iżomm fl-armarju tiegħu. Din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta jew ikkontestata, imqar waqt il-kontro-eżami tal-atturi. Dan kuntrarjament għal aspetti oħrajn tal-kontroversja li ġew assidwament kombattuti mill-konvenuti. Anzi, bil-kontra, Stella Fiorini stess, waħda mill-konvenuti, fix-xhieda tagħha qalet: "*għax haddiehor qagħad id-dar għassa mal-armarju, fejn kien ikollu xi haga l-pa*`".[4] Jiġifieri tammetti li l-missier kien iżomm il-flus fl-armarju u ma ċaħditx is-somma ta' Lm20,000 li jsemmu l-atturi. Skont in-normi tad-dritt probatorju Ngliż, li fuqu huwa mfassal id-dritt probatorju Malti, in-nuqqas ta' kontro-eżami jammonta għal aċċettazzjoni ta' dak li jkun ġie mistqarr:

> Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness' evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. In *Bircham*, for example, counsel for the accused was not permitted to suggest to the jury that the co-accused and a witness for the

---

[3] (immarkat Dok AGZ a fol 283 *a tergo*),
[4] (paġna 29 tat-transcript tal-kontro-eżami tas-17 ta' April 2023)

> prosecution were the perpetrators of the offence charged, where that allegation had not been put to either in cross-examination. Accordingly, it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case.[5]

Dawn il-flus għalhekk jitqiesu li jiffurmaw parti mill-assi soċjali tal-ġenituri tal-partijiet kontendenti. Dawn jekwivalu għal **€46,587**.

(iv) Anthony Gravina stqarr li kien hemm madwar €5,000 deheb; l-atturi jtuh valur ta' €7,200. L-attur sostnew li Anthony Gravina kkapparra dan id-deheb; Anthony Gravina jgħid li ħaditu Alexandra. Anke hawn, fid-dawl tal-provi konfliġġenti, ugwalment verosimili, l-Qorti mhix sejra tikkredita lill-assi konjugali b'xi valur ta' dan id-deheb, li jista' jkun qiegħed fil-pussess tal-atturi jew ta' xi ħadd minnhom.

L-atturi allegaw li Anthony Gravina seraq diversi oġġetti mid-dar konjugali li jiswew madwar €7,200. Anthony Gravina jallega li l-atturi vvandalizzaw din id-dar. Ebda prova oġġettiva inekwivoka u konkludenti ma tressqet minn xi parti jew oħra u għalhekk il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni ta' dawn iż-żewġ verżjonijiet.

Għalhekk il-valur ta' sehem Joseph Gravina mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti huwa €110,000 + €105,000 + €500 + €1391 + €23,293.50 = €240,184.50.

**Proprjeta` parafernali ta' Joseph Gravina**

[5] Murphy On Evidence – Oxford University Press, 8th Edition, 2003 paġna 597.

Il-proprjeta` parafernali ta’ Joseph Gravina tikkonsisti fil-fond numru 34, Triq Dar il-Bebbux, Għaxaq kantuniera ma’ numru 1, Sqaq Indri` Dimech, Għaxaq. Dan il-fond kien ġie mniffed mal-fond Nru 2, Sqaq Indri` Dimech, Għaxaq li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Peress li globalment dawn iż-żewġ fondi ġew stmati €500,000[6] filwaqt li l-fond surreferit tal-komunjoni tal-akkwisti Nru 2, Sqaq Indri Dimech, Għaxaq ġie stmat fil-valur ta’ €220,000[7], il-valur ta’ dan il-fond parafernali ta’ Joseph Gravina huwa ta’ €280,000.

Il-konvenuti qablu ma’ dawn l-istejjem.[8]

**Wirt ta’ Joseph Gravina**

Mill-paragrafi preċedenti jirriżulta li l-wirt ta’ Joseph Gravina jikkonsisti allura fis-segwenti:

**i.** Proprjetà numru 34, Triq Dar il-Bebbux, Għaxaq kantuniera mal-1, Sqaq Indri Dimech, Għaxaq stmata **€ 280,000;**

ii. Nofs (1/2) indiviż ta’:-

   a. Proprjetà Nru 2, Sqaq Indri Dimech, Għaxaq stmata fl-intier fil-valur ta’ **€ 110,000**
   b. Proprjetà Nru 11 u 12, Triq il-Knisja, Għaxaq stmata fl-intier fil-valur ta’ **€ 105,000**
   c. Lambretta *vintage* ġja bin-numru ta’ reġistrazzjoni Q213A valur ta’ **€500**.
   d. Kreditu kontra Anthony Gravina **€1391.30**.

[6] (ara stima esebita bħala Dok VAX1 a fol 139 tal-proċess)
[7] Dok VAX2 a fol 144
[8] waqt il-kontro-eżami tat-13 ta’ Ottubru 2022

**e.** Flus kontanti: **€23,293.50.**

**Beni parafernali ta' Carmela Gravina**

Qabar numru 9, ittra J, fiċ-ċimiterju ta' Ħal Għaxaq – valur ta' **€5,000.**

Kont BOV Savings 40013190381 – **€6,033.21.**[9]

Kont BOV Fixed 40019260655 – **€1,663.23.**[10]

Jirriżulta li Carmela Gravina qassmet flus tal-inqas lil uħud mill-atturi kif ukoll tal-inqas lil uħud mill-konvenuti. Il-Qorti mhix impressjonata bid-diversi allegazzjonijiet dwar min dar b'Carmela Gravina u jekk il-flus li kienet tqassam – mill-ftit li kellha – kinux bħala kumpens għal serviġi inkella b'donazzjoni.

Jirriżulta wkoll li l-attur Thomas Gravina kellu għal xi żmien il-prokura t'ommu u kien isarraf il-pensjoni tagħha u jżommha għalih. Ma tax rendikont tagħha. Irriżulta li parti sostanzjali tal-pensjoni suppost kienet miżmuma mill-Gvern billi l-omm kienet rikoverata San Vincenz de Paule. L-ammont li ma kienx dovut tħallas lura parti mill-pensjoni, u, wara l-mewt tal-omm, mill-konvenuti. Jirriżulta wkoll li għal xi ftit xhur kien prokuratur Anthony Gravina li jgħid li fuq struzzjonijiet t'ommu qassam il-flus li ġibed mill-bank bejn l-aħwa kollha. Il-Qorti tqis li kull ammont li l-konvenuti setgħu ħadu iżjed ġie bejn wieħed u ieħor paċut ma' dak li kellhom iħallsu kif ġja` ngħad u dak li l-atturi jew xi ħadd

[9] Bilanċ sa qabel id-data tal-mewt tal-omm 25 ta' Marzu 2018 – ara *statement* Dok JB1 a fol.117.
[10] Bilanċ sa qabel id-data tal-mewt tal-omm 25 ta' Marzu 2018 – ara *statement* Dok JB2 a fol. 118.

minnhom daħħal f'butu a skapitu ta' ħutu l-oħrajn. X'imkien trid tinqata' linja għaliex il-Qorti mhix sejra tidħol f'konteġġi labirintini li ftit jagħmlu differenza għar-riżultat aħħari.

Għalhekk:

€5,000 + €6033.21 + €1,663.23 = €12,696.24 beni parafernali.

110,000 + 105,000 + 500 + 1391 + 23,293.50 = €240,184.50 beni tal-komunjoni

€12,696.24 + €240,184.50 = 252,880.74

1/20 ta' €252,880.74 = **€12,644.04** ammont ta' sehem riżervat dovut lil kull wieħed mill-atturi (ċjoe` total ta' €37,932.11).

***Decide:***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġja` eżistenti bejn Joseph Gravina u Carmela Gravina kif fuq ingħad u taqsam l-istess assi tal-komunjoni f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-assi partikolari ta' Joseph Gravina u l-oħra lill-assi partikolari ta' Carmela Gravina.

3. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Gravina u tiddikjarah jikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-

akkwisti lilu assenjata kif fuq spjegat u f'dawk il-beni parafernali fuq indikati.

4. Tilqa' t-tielet talba billi tillikwida l-assi partikolari ta' Carmela Gravina u tiddikjarah jikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni ta' l-akkwisti lilha assenjata kif fuq spjegat u f'dawk il-beni parafernali fuq indikati.

5. Tilqa' r-raba' talba billi taqsam l-assi partikolari ereditarji hekk likwidati ta' Joseph Gravina bejn il-kontendenti f'għaxar (10) ishma u allura f'ishma ta' 1/10 indiviż kull wieħed ħlief għal Doreen Camilleri Gravina u Antonella Gravina li jieħdu 1/20 sehem kull wieħed u ċjoe` flimkien jieħdu s-sehem ta' 1/10 tal-mejjet Moses Gravina.

6. Tilqa' l-ħames talba billi tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta':

i. Numru 34, Triq Dar il-Bebbux, Għaxaq kantuniera mal-1, Sqaq Indri Dimech, Għaxaq stmata €280,000.

ii. Nofs (1/2) indiviż ta':-
   a. Nru 2, Sqaq Indri Dimech, Għaxaq stmata fl-intier fil-valur ta' € 220,000.
   b. Nru 11 u 12, Triq il-Knisja, Għaxaq stmata fl-intier fil-valur ta' € 210,000.
   a. Lambretta *vintage* ġja bin-numru ta' reġistrazzjoni Q213A tal-valur intier ta' € 1,000.

Tordna li l-bejgħ b'liċitazzjoni jsir bil-proċedura mfissra mil-liġi għall-bejgħ bl-irkant nhar il-Ħamis 7 ta' Marzu 2024 fil-

11:30a.m., fil-bini tal-Qorti jew xi data oħra li tista' tiġi stabbilita minn din il-Qorti fuq talba tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili u dana bil-prezz stabbilit abbażi tal-valur hawn fuq mogħti u r-rikavat għandu jinqasam skont l-ishma rispettivi tal-partijiet, kif elenkat hawn fuq.

Il-barranin għandhom jiġu mistiedna sabiex joffru fil-bejgħ b'avviż maħruġ f'ġurnal lokali wieħed, mill-anqas sitt (6) ijiem qabel il-jum imħolli għall-bejgħ.

Ir-rikavat jinqasam f'għaxar (10) ishma u allura f'ishma ta' 1/10 indiviż kull wieħed ħlief għal Doreen Camilleri Gravina u Antonella Gravina li jieħdu 1/20 sehem kull wieħed u ċjoe` flimkien jieħdu s-sehem ta' 1/10 tal-mejjet Moses Gravina.

7. Tiċħad is-sitt talba.

8. Tilqa' s-seba' talba billi tillikwida s-sehem riżervat dovut lill-atturi mill-eredità ta' ommhom Carmela Gravina fis-somma ta' **€12,644.04** lil kull wieħed mingħand il-konvenuti, flimkien mal-imgħaxijiet bit-8% mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni sad-data tal-ħlas effettiv.

9. Tilqa' t-tmien talba billi tordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-sehem riżervat hekk likwidat u dovut lilhom.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-irkant jinqasmu skont is-sehem rispettiv tal-kontendenti, b'dan li l-ispejjeż konnessi mat-talba għal-

likwidazzjoni tas-sehem riservat huma a kariku tal-konvenuti.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF